**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 55**

**IT-TLIETA 11 ta' OTTUBRU 2011 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER (wasal 5.25p.m.) |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER (wasal 5.45p.m.) |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU |

***Mill-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena***

| | |
|---|---|
| MARY ANNE ABELA | Vici Chairperson |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

**Minħabba nuqqas ta' quorum, il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduti numru 55 ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona. Il-Kunsillier Curmi ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier Fava staqsa jekk waslits xi risposta mit-Transport Malta dwar l-istat ħażin ta' Triq il-Marbat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hu kiteb u anki sar komunikat mas-Segretarja tad-Direttur tat-toroq pero' għad ma waslitx risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser jerġa jagħmel kuntatt.

2. Il-Kunsillier informa li r-rottot il ġodda saru 33/34 pero' l-ebda waħda ma hija diretta għal Belt. Din qed tkun ta' inkonvenjent kbir kemm għar-residenti kif ukoll għal dawk l-istudenti li jattendu il-Junior College. Dawn qed idumu madwar 1.15 biex jaslu fid-destinazzjoni tagħhom flok 20 minuta bħal qabel. Il-Kunsillier issuġerixxa li waħda mir-rotto għandha tkun diretta għal Belt.
   Is-Sindku nfurmat li dalwaqt ser issir laqgħa mat-Transport Malta dwar ir-rottot. Dan is-suġġett ser ikun fuq l-aġenda.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mill-UIF dwar il-fondi għar-reburbishment tat-Tennis Court. Is-Sindku nfurmat li għad ma ittiħdietx deċizzjoni peress li l-bord għad ma iltaqgħax.

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għal mistoqsijiet li hu bagħat lill-Accountant tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn għad ma waslux pero' malli jaslu il-Kunsillier jiġi nfurmat.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li l-appuntament mat-Transport Malta dwar it-tibdil fir-rotto tat-Transport Pubbliku ser issir nhar l-erbgħa 19 ta' Ottubru 2011.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat tar-reġjun il-ġdid qed jitlob bandiera ġdida tal-Kunsill tas-Swieqi. Il-Kunsill approva li din tinxtara.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li inkitbet ittra lil MEPA (Bord ta' l-UIF) dwar il-possibilta' li tinbidel id-deċizzjoni għal fond biex jiġi refurbished it-Tennis Court.

4. Is-Sindku nfurmat li qed ikollha diversi ilmenti li xi residenti qed jiżolqu fuq il-bankina tan-naħa tal-ħwienet fi Triq is-Swieqi. Il-foreman tad-Distrett diġa mar fuq il-post u ssuġerixxa li tinxtara żebgħa apposta li ma tiżloqx. Il-Kunsill approva li din iż-żebgħa tinxtara u x-xogħlijiet jibdew mill-aktar fis.

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħarġa ta' l-anzjani li jmiss ser tkun fil-25 ta' Ottubru 2011 fit-8.30a.m. Il-ħarga se tkun is-Seabank Hotel.

6. Is-Sindku nfurmat li qed isiru preparamenti għall-laqgħa mas-Supretendent u l-ispettur mill-għassa ta' San Ġiljan. F' din il-laqgħa ser jiġi diskussi ir-rottot tal-Pulizija għal Halloween Night. Il-Kunsillier Curmi ħa l-inkarigu li jipprepara rapport iddettaljat sabiex dan jiġi mgħoddi lill-uffiċċjali tal-Pulizija.

7. Is-Sindku nfurmat b' korrispondenza li waslet mingħand is-Segretarju tat-Team tal-futbol (Swieqi United). Dawn qed jistaqsu dwar il-possibilta' li ikollhom uffiċju għalihom sabiex iservi bħala reference point fil-bini il-ġdid li ser jinbena fi Triq il-Keffa. Wara diskussjoni il-Kunsill ikkonkluda li l-proġett għadu fi stadju preliminarju u għaldaqstant il-Kunsill ma jistgħax jikkonferma t-talba.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**<u>Mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-Kunsillier talab biex jiġu ordnati Personal Visiting Council Cards għal kull kunsillier. Il-Kunsill approva.

2. Il-Kunsill ġie infurmat li l-culverts ta' l-ilma tnaddfu u dawn tnaddfu tajjeb ħafna. Hu kien preżenti waqt it-tindif fuq dawk li saru fi Triq is-Swieqi.

3. Il-Kunsillier għal darb'oħra staqsa sabiex il-materjal ta' pubblikazzjoni għal magazine tal-Kunsill jingħatalu fil-ħin. Il-magazin ser jitqassam fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2011 għaldaqstant il-materjal irid ikun lest sall-15 ta' Ottubru 2011.

4. Il-Kunsillier issuġerixxa li tiġi mqassma hard copy tal-minuti lil kull Kunsillier xi ġranet qabel il-laqgħa. B' dan il-mod jiġu ffrankati ħafna dewmin waqt il-laqgħa minn dawk il-kunsillieri li jinsew iġibu kopja magħhom.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi informazzjoni mit-Transport Malta dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' tarmac fi Triq Josef Kalleja. Is-Sindku wieġbet li għandha informazzjoni li dawn ix-xogħlijiet ser jitlestew sa l-aħħar ta' din is-Sena.

6. Il-Kunsillier issuġerixxa li jiġu iddentifikati dawk il-kontijiet kollha relatati mall-Ħamlet tal-Madliena. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li dawn il-kontjiet diga qed jiġu iddentifikati pero' mhux fl-iskeda tal-pagamenti.

7. Il-Kunsillier reġa informa li l-avviz tal-laqgħa tal-Kunsill għal darb'oħra ma deherx fuq it-Times of Malta. Dan minkejja l-avviżi u t-telefonati li saru fil-ħin mill-Kunsill.

*Il-Kunsillier ġie skużat fis-7.00p.m.*

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Mill-Kunsillier Rene Rossignaud**

1. Il-Kunsillier reġa' irraporta żewġ bozzoz maħruqa fi Triq Sant' Andrea Court.

2. Il-Kunsillier irraporta xi ħaxix ħażin u skart fi Triq Sant' Andrija u talab sabiex dan jitnaddaf. Is-Segretarju Eżekuttiv talab sabiex isir visita fuq il-post bejn il-Kunsillier u l-Kuntrattur responsabbli.

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier ippreżenta rapport dettaljat dwar il-konferenza li huwa attenda fl-Lauco. Hu informa li għal jumejn l-ikel ma kienx inkluz. Il-Kunsill aċċetta li jimxi mall-proċeduri u jitħallas nofs is-substance allowance għall-jumejn.

**Offerta ta' Gbir ta' Skart Goff**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret il-laqgħa mall-Kuntrattur tal-Mixed Waste li huwa l-istess kuntrattur li ssottometta l-offerta għal ġbir ta' skart goff. Il-Kuntrattur informa li hu ser jibda jiġbor l-iskart goff kuljum, dak li huwa skar żgħir pero' dak li huwa skart goff ħafna ser jibda jinġabar kull nhar ta' Ħamis. Il-Kuntrattur informa ukoll li mhux se jagħmel sub contracting u huwa lest li jibda x-xogħlijiet mill-aħħar ta' Diċembru jew mill-ewwel ta' Jannar. Il-Kuntrattur ġie infurmat wkoll li l-lista ta' l-iskart goff li tinġabar kull nhar ta' erbgħa mill-Kunsill u ma tkunx aktar minn 40 household.
   Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kuntrattur jibda mill-ewwel ta' Jannar 2012.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenzi.

| | |
|---|---|
| a. Memo 89/2011 | Attivitajiet Malta Community Chest Fund |
| b. AKL 63/2011 | Konferenza Proġett Stand Up |
| c. | Konferenza Employee Supporting Voluntering |
| d. | European Week for Waste Reduction |
| e. Memo 88/2011 | Attivitajiet fil-lokalitajiet b' risq il-MCCF |
| f. Raymond Zammit | Sigra fuq il-bankina fi Triq il-Molletta qed tiżgombra il-passaġġ. Dwar din il-korrispondenza il-Kunsill talab stima għaż-żbir. Stima ppreżentata €277.00 |
| g. Adrian Caruana | Zieda ta' traffic calmer fi Triq ix-Xiber. Dwar din il-korrispondenza il-Kunsill ma qabilx li t-traffic calmers f' din it-Triq għandhom jiżdiedu. |
| h. Kurt Laferla | Suġġeriment ta' neighbourhood watch fil-lokalita'. Il-Kunsill ma jaqbilx minħabba l-fatt li din tinvolvi ħafna xogħol mir-residenti tat-Triq kif ukoll fil-lokalitajiet li saret ma kienitx ta' suċċess. |
| i. Michela Falzon (Feltom) | Kontribut lill-Kunsill mingħand skejjel li jagħlmu il-ligwa ingliża. Wara diskuzzjoni il-Kunsill iddeċieda għotja ta' xiri ta' litter bins. |
| j. Monica Spiteri minn Triq l-Ibrag. | Tneħħija ta' traffic calmers minn Triq ta' l-Ibrag. Il-Kunsill ma qabilx. |
| k. E. Camillieri | Dan ir-resident ma jaqbilx li fl-ispazju ta' parking għas-seba' villel fi Triq il-Qasam issir loading/unloading. Il-Kunsill iddeċieda li din issir fin-naħa l-oħra tat-Triq quddiem l-ispiżerija. |
| l. Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kunsilli lokali. | Penali dovuta għad-dewmin li intbagħtu l-audit financial reports lill-Awditur Generali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dewmin ma kienx min-naħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser tinkiteb ittra lid-dipartiment fejn ser tiġi spjegata ir-raġuni għad-dewmin. |

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

2. Is-Sindku nfurmat dwar il-tiżjin ta' dawl għall-Milied. Il-Kunsill talab biex isiru l-istess xogħlijiet li saru fi snin ta' qabel. Għaldaqstant il-Kunsill talab biex issir sejħa pubblika għal kwotazzjonijiet.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kumitat Amministrattiv tal-Madliena aċċetta li jħallas lis-Sinjura Aquilina għal ħsarat li għamel il-Kuntrattur waqt li dan kien qed jiksi t-triq bit-tarmak fi Triq Markiz J. Scicluna. Dawn il-fondi ser jitnaqqsu minn spejjes tal-kuntratt.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fl-uffiċċju tas-Sindku hemm karma żgħira li tintuża bħala store għal ħafna computers u printers qodma li ma għadhomx jintużaw. Dawn ilhom sa mill-bidu tal-Kunsill. Minħabba spazju li dawn qed jokkupaw hu talab li dawn għandhom jintremew. Il-Kunsill qabel.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

5. Rapport ta' infieq – Swieqi Day 2011
   Gew ippreżentati l-ispejjes kollha relatati ma' Jum is-Swieqi.

| | **Euro** | **Euro** | **Euro** |
|---|---|---|---|
| **Expenditure:** | | | |
| | | | |
| **Maratona:** | | | |
| Police | | | 60.00 |
| Wardens | | | 47.52 |
| Fruit | | | 51.00 |
| Trophies | | | 368.00 |
| | | | **526.52** |
| **Social Activity:** | | | |
| Stage Hire | | 250.00 | |
| Stage Transport | | 60.00 | |
| Chairs Hire | | 188.00 | |
| Enemalta Lighting | | 130.00 | |
| Garden Lights | | 470.00 | |
| Audio System | | 260.00 | |
| George Curmi (Puse') | | 1120.00 | |
| Flowers | | 70.00 | |
| Finger Food | | 1038.95 | |
| Soft Drinks | | 136.00 | |
| Wine & Beer – 241.57 + 113.00 | | 354.57 | |
| Waiter | | 6.75 | |
| Parish Priest donation | | 20.00 | 4104.27 |
| | | | 4630.79 |
| **Deduct: Sponsorships:** | | | |
| Hon. Dolores Cristina | 1000.00 | | |
| Hon. Robert Arrigo | 213.00 | | |
| Less Returns | 128.94 | | **-1341.94** |
| **Net Expenditure:** | | | **3288.85** |

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VII APPROVAZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li jidhru fuq l-iskeda ġew approvati.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-7.30p.m. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru 2011 fil-5.00p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**